MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2012

Citazzjoni Numru. 344/2004

**George Busuttil u Raymond Grech**

**vs**

**Anthony Vassallo**
**(karta ta' l-identita` numru 314959 (M)) u b'digriet tas-17 ta' Jannar, 2005, giet kjamata fil-kawza mart il-konvenut, cioe` Maria Dolores Vassallo**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni fuq indikata datata t-13 ta' Marzu, 2004, li permezz taghha l-atturi sintetikament ippremettew is-segwenti:

1. Illi permezz ta' skrittura privata datata l-25 ta' Settembru, 2003, solidalment hallsu lill-konvenut Anthony Vassallo s-segwenti somom ta' flus:

i. hamsa u ghoxrin elf Lira Maltin, (LM25,000.00), bhala pagament akkont minn somma akbar biex tinxtara art f'Benghajsa, Birzebbugia, maghrufa bhala 'Ta' l-Imdawwar'';

ii. hamsin elf Lira Maltin, (LM50,000.00),biex tinxtara art ohra l-Qajjenza, Birzebbuga;

2. Illi nonostante l-pagamenti fuq indikati ix-xiri tal-artijiet indikati qatt ma sehh u dan, ghar-ragunijiet indikati fic-citazzjoni promotrici;

3. Illi l-atturi jridu flushom lura;

4. Illi ghalkemm kemm –il darba nterpellaw lill-konvenut Anthony Vassallo biex jirrifondi l-ammonti lilu moghtija mill-atturi, il-konvenut baqa' inadempjenti;

5. Illi peress ukoll li jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi *ai termini* tal-artikolu 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta ghaliex id-debitu de quo hu cert, likwidu u dovut, l-atturi ntavolaw il-procedura odjerna sabiex il-konvenut jghid ghaliex din il-qorti m'ghandhiex:

i. Tiddeciedi l-vertenza bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-imsemmija artikoli 167 et sequitur tal-Kap 12;

ii. Tikkundanna lill-konvenut Anthony Vassallo jhallas is-somma ta' hamsa u sebghin elf Lira Maltin, (LM75,000.00), inkluz l-imghaxijiet dovuti skont il-ligi minn Settembru, 2003;

iii. Bl-ispejjez u bl-imghax dovut sal-effettiv pagament;

Rat it-talba tal-abbli rapprezentant legali tal-atturi datata l-11 t'Ottubtu, 2004, li permezz taghha talab il-kjamata in kawza ta' mart il-konvenut Maria Dolores Vassallo, (ara fol 16 *et sequitur*);

Rat id-digriet ta’ din il-qorti diversament preseduta datat is-17 ta’ Jannar, 2005, li permezz tieghu:

1. Stante li osservat li hemm eccezzjonijiet x’jinghataw, akkordat lill-konvenut ghoxrin (20) jum biex jipprezenta nota tal-eccezzjonijiet, (ara fol 17 *et sequitur*);

2. Ordnat ukoll il-kjamata in kawza ta’ Maria Dolores Vassallo, (ara wkoll fol 17 *et sequitur*);

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Anthony Vassallo datata l-4 ta’ Frar, 2005, li permezz taghha sintetikament eccepixxa s-segwenti:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghaliex hu ma amministrax l-ammonti allegati fic-citazzjoni promotrici;

2. Illi qatt ma rceva l-hamsa u ghoxrin elf Lira Maltin, (LM25,000.00), kif allegat mill-atturi;

3. Illi *ai termini* ta’ skrittura datata l-25 ta’ Settembru, 2003, huwa hallas lill-atturi s-somma ta’ hamsa u ghoxrin elf Lira Maltin, (LM25,000.00);

Rat il-verbal tal-konvenut Anthony Vassallo datat id-19 t’April, 2005, li permezz tieghu, filwaqt li ghamel referenza ghan-nota tal-eccezzjonijiet tieghu fuq riferita, ikkonferma u ammetta li ghandu jaghti s-somma ta’ hamsin elf Lira Maltin, (LM50,000.00), u ddikjara wkoll li kellu jhallas l-istess somma lill-atturi sa mhux aktar tard minn xahar mill-istess data, (ara fol 28 *et sequitur*);

Illi l-obbligu assunt mill-konvenut fil-paragrafu precedenti gie ribadit fir-risposta tieghu tas-17 ta’ Gunju, 2005, ghal rikors tal-atturi tat-3 ta’ l-istess xahar, (ara fol 33 u 29 rispettivament);

Rat ir-rikors ta’ Maria Dolores Vassallo datata s-16 t’Awwissu, 2005, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm premessi ittentat tiggustifika l-kontumacja taghha, (ara fol 42 u 43 *et sequitur*);

Rat ir-risposta tal-atturi datata l-25 t'Awwissu, 2005, fejn ghar-ragunijiet premessi talbu li l-kontumacja tal-kjamata in kawza tigi kkonfermata, (ara fol 41 *et sequitur*);

Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat it-30 ta' Jannar, 2006, fejn wara li semghet ukoll lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, cahdet it-talba tal-kjamata in kawza li konsegwentement baqghet fi stat ta' kontumacja, (ara fol 47 *et sequitur*);

Ezaminat ix-xhieda mismugha minn din il-qorti diversament preseduta;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Rat il-verbal tal-24 t'Ottubru, 2007, fejn jirrizulta li l-konvenut Vassallo ddikjara li kien jista' jhallas il-hamsin elf Lira Maltin, (LM50,000.00), minnu dovuti fi zmien sena u nofs minn dik il-gurnata, (ara fol 99 *et sequitur*);

Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat l-10 ta' Marzu, 2009, li permezz tieghu, hatret assistent gudizzjarju biex jisma' l-provi kollha tal-konvenut, (ara fol 117 *et sequitur*);

Rat il-verbal datat it-18 ta' Novembru, 2010, li permezz tieghu jirrizulta li l-assistent gudizzjarju fuq rierit irritorna l-inkartament fl-atti ta' din il-procedura, (ara fol 148 *et sequitur*);

Rat il-veral taghha kif preseduta datat it-30 ta' Novembru, 2011, li permezz tieghu awtorizzat lill-partijiet biex jittrattaw il-kawza bil-miktub u ffissat id-dati sa meta kellhom jigu pprezentati n-noti tal-kontendenti;

Ezaminat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi datata t-22 ta' Dicembru, 2011;

Ezaminat ix-xhieda ulterjuri mismugha minn din il-qorti diversament preseduta u mill-assistent gudizzjarju fuq riferit;

Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentanti legali tal-atturi;

Hadet konjizzjoni tal-verbal tal-atturi datat il-25 ta' Ottubru, 2012;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-atturi Busuttil u Grech taw is-somma komplessiva ta' hamsa u sebghin elf Lira Maltin, (LM75,000.00), lill-konvenut Vassallo, u dan, ai termini tal-iskrittura privata datata l-25 ta' Settembru, 2003, (ara fol 5 *et sequitur*);

2. Illi r-redazzjoni tal-iskrittura ndikata fil-paragrafu precedenti hi kkonfermata mill-istess prokuratur legali li rredigiha, (ara fol 67 *et sequitur*);

3. Illi jirrizulta li l-ammonti hemm indikati gew effettivament mghoddija lill-konvenut Vassallo mill-atturi Busuttil u Grech kif indikat fl-istess skrittura;

4. Illi ghalhekk, l-ammont totali li l-atturi ghaddew lill-konvenut fl-imsemmija transazzjoni tammonta komplessivament ghal hamsa u sebghin elf Lira Maltin, (LM75,000.00), kif spjegat ben tajjeb mill-istess prokuratur legali nvolut fix-xhieda teighu, (ara fol 69 *et sequitur*);

5. Illi l-iskop li ghalih giet mghoddija din is-somma komplessiva fuq indikata ma jirrizultax li sehh stante li minn approfondiment fir-rigward irrizulta li l-artijiet in dizamina kienu proprjeta` governattiva u mhux tal-privat, u li ghalhekk in-negozju prospettat qatt ma seta' jsehh;

6. Illi verifikat dan, il-konvenut ipprometta in atti li kien ser jirrifondi s-somma ta' hamsin elf Lira Maltin,

(LM50,000.00), lill-atturi, promessa li nonostante d-dekors ta' seba' snin (7) minn meta ghamilha, qatt ma kkonsolidha, (ara fol 28 *et sequitur*);

7. Illi jirrizulta li l-konvenut irraggira lill-atturi billi l-ewwel hajjarhom jixtru z-zewg bicciet art fuq riferiti u wara li rceva l-ammonti in dizamina ghazel li jzommhom, minflok, ghalih;

Ikkunsidrat:

Illi rigward il-kjamata in kawza ghandu jinghad li din baqghet fi stat ta' kontumacja;

Illi di piu`, il-konvenut Vassallo ma jirrizultax li pprova jiggustifika b'xi mod il-pozizzjoni minnu assunta fl-eccezzjonijiet tieghu;

Ghaldaqstant, din il-qorti m'ghandha l-ebda alternattiva hlief li takkolji t-talbiet attrici bhala debitament ipprovati u konsegwentement, filwaqt li tirrespingi t-talbiet tal-konvenut Anthony Vassallo:

1. Tiddikjara lill-konvenut Anthony Vassallo u lill-kjamata in kawza Maria Dolores Vassallo debituri *in solidum* tal-atturi George Busuttil u Raymond Grech fl-ammont komplessiv ta' hamsa u sebghin elf Lira Maltin, (LM75,000.00);

2. Tikkundanna lill-imsemmija konvenut u kjamata in kawza konjugi Vassallo biex ihallsu *in solidum* l-ammont likwidat fil-paragrafu precedenti lill-atturi Busuttil u Grech fuq riferiti;

3. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali dovuti skont il-ligi minn Settembru, 2003, sad-data tal-effettiv pagament.

___________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------